

Brussell, 21 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14832/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0318(BUD)

BUDGET 27

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Suġġett: Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit ġenerali tal-2022: Miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna, it-tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, it-tnaqqis fl-approprijazzjonijiet ta' pagament u l-aġġornament tad-dħul, aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi: Pożizzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2022

I. INTRODUZZJONI

Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 5 għall-baġit ġenerali tal-2022.

L-għan tal-ABE Nru 5/2022 huwa li jaġġorna n-naħat tan-nefqa u tad-dħul tal-baġit tal-2022 biex:

- (a) jiġi inkluż il-finanzjament tal-Att il-ġdid dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) biex jiġu indirizzati l-aktar lakuni urġenti u kritiċi fid-difiża permezz tat-trawwim tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar l-akkwist komuni;
- (b) jissaħħu l-miżuri ta' emerġenza taħt il-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku (SMP), sabiex l-Istati Membri jiġu rimborżati wara sensiela ta' tifqigħat tal-Influenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja u tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer;

- (c) jiġi antiċipat u jissaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), sabiex ikompli jidderieġi l-assistenza in natura lill-Ukrajna. Barra minn hekk, ser jinkrew ħelikopters u ajruplani ħfief oħra biex tiżdied it-tnejn tal-Unjoni għat-tifi tan-nar mill-ajru fl-2023 u jitħaffef l-akkwist ta' kapaċitajiet permanenti mill-ajru;
- (d) jissaħħaħ il-kontribut tal-UE għaċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) biex jiġu evitati diffikultajiet operazzjonali;
- (e) jissaħħu n-nefqa amministrattiva u l-pensjonijiet fl-intestatura 7 bħala riżultat ta' inflazzjoni għolja u prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew b'rata mgħagħla;
- (f) jitnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-EU4Health;
- (g) jingħata lura l-ammont korrispondenti mir-riżerva għal-linja tat-trasport tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li minnha ġie kkumpensat, filwaqt li jitqies id-dewmien fl-approvazzjoni ta' mandat ġdid "ReFuelEU Aviation" għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA);
- (h) jiġu aġġornati l-istimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), kif ukoll jiġi inkorporat l-impatt tad-differenzi fir-rati tal-kambju,

kif imniżżel fid-dokument 13056/22.

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 447.5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u tnaqqis ta' EUR 741.1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (a/p).

L-impatt globali fuq in-naħa tad-dħul huwa tnaqqis nett fil-kontribuzzjonijiet tal-ING ta' EUR 3 779 miljun.

II. KONKLUŻJONI

Fil-21 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ABE Nru 5 għall-baġit ġenerali tal-2022 kif jinsab fl-anness tekniku li jinsab fl-Addendum 1 għal dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.
